MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2023/2003

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Martin Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u sitta u disghin lira Maltin u zewg centezmi (Lm596.02) rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut in konnessjoni ma'mobile phone 99248538.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghaxijiet meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u sitta u disghin lira Maltin u zewg centezmi (Lm596.02), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwstru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------